# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 6 ta' Ottubru, 2020.**

**Numru 7**

**Rikors numru 392/2013 AF**

**Joseph Gatt, Maria Brincat, Dr Anthony Gatt, Rita Gatt, Catherine Gatt**

**v.**

**Paul Attard u Joseph Attard**

**<u>PRELIMINARI:</u>**

1. Dan huwa appell ad istanza tal-atturi mis-sentenza tat-23 ta' Jannar 2018 mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, li permezz tiegħu qed jitolbu lil din il-Qorti sabiex **<u>tirriforma</u>** s-sentenza appellata billi **<u>tikkonfermaha</u>** f'dik il-parti fejn astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti u **<u>tħassarha</u>** f'dik il-parti fejn

ċaħdet it-talbiet tagħhom u laqgħet l-eċċezzjonijiet rimanenti tal-konvenuti, u minflok tgħaddi biex tiċħad l-eċċezzjonijiet rimanenti tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet tagħhom.

2. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell, din il-Qorti ser tirriproduċi s-sentenza appellata (enfasi ta' din il-Qorti):

"**<u>Il-Qorti:</u>**

"**Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:**

"Ir-rikorrenti huma lkoll eredi tad-defunt Dennis Gatt li miet intestat nhar is-6 ta' Dicembru 2004 u dan skond digriet tal- Page 2 of 14 Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisidzzjoni Volontarja) numru 558/2005.

"L-istess rikorrenti huma lkoll intimati f'kawza pendenti fl-ismijiet inversi quddiem din l-Onorabbli Qorti presjeduta mill-Imhallef Anna Felice fl-ismijiet **Paul Attard et vs Francis Xavier Gatt et liema kawza ggib ir-Rikors Numru 971/06 AF**.

"Fil-kawza bin-numru 971/06 AF l-atturi (intimati fil-proceduri odjerni) ippremettew illi huma kredituri tad-defunt Dennis Gatt fis-somma ta' disgha u tletin elf mija u erbghin Liri Maltin (Lm39,140) liema somma allegatament tikkonsisti fis-somma ta' tmienja u tletin elf Liri Maltin fi flus kontanti bhala self li l-intimati Attard taw lid-defunt Dennis Gatt u l-bilanc bhala imghax bir-rata ta' tlieta fil-mija allegatament miftehma bejn ilpartijiet (ossia Paul u Joseph Attard flimkien ma' Dennis Gatt).

"Fl-istess kawza l-odjerni intimati allegaw illi tali dejn kien dovut minn Dennis Gatt skond skrittura datata 23 ta' Settembru 2004 u skond kambjala li ggib l-istess data, skond liema hlas kellu jsir minn Dennis Gatt mhux aktar tard mit-22 ta' Settembru 2005.

"Abbazi ta' tali premessi, l-odjerni l-intimati fil-kawza bin-numru 971/06 AF talbu lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-odjerni rikorrenti jhallsu s-somma ta' disgha u tletin elf mija u erbghin Liri Maltin bl-ispejjez u bl-imghax legali dekorribbli mit-22 ta' Settembru 2005.

"L-odjerni rikorrenti mill-bidu tal-imsemmija kawza kellhom ir-rizervi taghhom dwar l-awtenticità tal-firem fuq id-dokumenti li abbazi taghhom l-odjerni intimati ressqu l-kawza taghhom sabiex jithallsu mill-eredi ta' Dennis Gatt. Tali rizerva hija naxxenti fost l-ohrajn mill-fatt illi fiz-zmien

talallegat self, id-defunt Dennis Gatt li kien persuna fil-kummerc, ma kellu l-ebda problema ta' likwidità u ghaliex tali self ma jirrizulta mkien fit-'transactions' jew 'accounts' tal-istess defunt.

"Sussegwentement ir-rikorrenti nkarigaw zewg esperti kaligrafi barranin akkreditati u kkwalifikati li ghamlu 'comparitive handwriting analysis' fuq l-allegata firma ta' Dennis Gatt riportata fuq l-iskrittura u l-kambjala datati 23 ta' Settembru 2004 imqabbla ma diversi firem ohra tal-istess Dennis Gatt fuq dokumenti ohrajn (vide r-rapport rilaxxjat minnhom datat 27 ta' Dicembru 2011 immarkat Dok. DG 1) fejn gie konkluz illi lfirem fuq l-iskrittura u l-kambjala datati 23 ta' Settembru 2004 mhumiex dawk originali ta' Dennis Gatt izda huma simulati.

"Ghalhekk tali rapport kompla jikkonferma s-suspett tarrikorrenti u li cioè it-talba tal-odjerni intimati dedotta fil-kawza bin-numru 971/06 AF mhux talli hija infondata fil-fatt u fid-dritt tali hija bbazata fuq dokumenti li l-firma jew firem tad-defunt Dennis Gatt fuqhom hija wahda fabbrikata u falza.

"Intalbet din il-Qorti sabiex:

"1. Tiddikjara illi l-firma fuq l-iskrittura datata 23 ta' Settembru 2004 bejn Dennis Gatt u l-intimati, allegatament iffirmata minn Dennis Gatt, hija firma ffalsifikata u ma tappartjenix lil Dennis Gatt.

"2. Tiddikjara illi l-firma fuq il-kambjala datata 23 ta' Settembru allegatament iffirmata minn Dennis Gatt a favur tal-intimati, hija firma ffalsifikata u ma tappartjenix lil Dennis Gatt.

"3. Tiddikjara illi konsegwsentement l-iskrittura datata 23 ta' Settembru 2004 u il-kambjala datata 23 ta' Settembru 2004 huma konsegwentment nulli.

"Rat id-dokumenti annessi.

"**Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimati li permezz tagħha eċċepew illi:**

"Preliminarjament it-talbiet tar-rikorrenti atturi ghandhom jigu michuda stante li ma ghamlu ebda prova li huma l-eredi ta' Dennis Gatt.

"Preliminarjament ukoll it-talbiet tar-rikorrenti atturi huma superfluwi u intizi biss biex jistultifikaw il-proceduri li hemm pendenti fil-kawza fl-ismijiet inversi Kawza Nru. 971/2006 AF f'liema kawza l-intimati qed jitolbu kundanna ghal hlas tad-dejn dovut permezz tal-iskrittura tat-23 ta' Settembru 2004 u tal-kambjala tal-istess data mill-atturi bhala eredi tal-mejjet huhom Dennis Gatt (kopja tar-rikors guramentat anness u markat Dok. A).

"Dak li qed jaghmlu l-atturi huwa li jinqdew bir-regoli tal-procedura biex jippruvaw idawruhom b'mod u manjiera biex dak li huwa vjetat mill-ligi

jinghata sembjanza ta' legalità stante li wara li ma talbux il-hatra ta' espert kaligrafu fil-kawza 971/2006 AF, stante li ma talbux l-hatra ta' periti perizjuri wara li l-espert kaligrafu mahtur fuq talba tal-esponenti irrelata li l-firem huma awtentici ta' Dennis Gatt, u stante li cedew l-appell ghax kien fuori termine issa jridu jinqdew b'dawn il-proceduri dak li ma giex sanat fil-kawza li ghanda pendenti 971/2006 AF.

"Jigi rilevat li din l-Onorabbli Qorti, fis-sentenza gia citata u deciza fit-30 ta' Mejju 2003 fl-ismijiet Cutalex Tourist Company Limited vs Pamela Rose Wathen f'isimha proprio, kif ukoll bhala mandatarja specjali tal-assenti binha Anthony James Wathen u Amanda Jane Wathen u Lawrence u Maria konjugi Buhagiar kienet irriteniet illi: '*il-konsiderazzjoni l-ohra dwar il-possibilità ta' ammissjoni ta 'xhud mhux dikjarat 'jekk il-Qorti jidhrilha li jkun fl-interess tal-gustizzja li tisma' lil xi xhud partikolari' ghandha dejjem tinftiehem u tihi interpretata fl-ambitu tar-regola li tghid li kull xhud ghandu jigi dikjarat minn qabel u mhux wara li jibdew il-proceduri.'*

"Kif jikkonfermaw l-atturi a para. 6 tar-rikors guramentat taghha "*mill-bidu tal-imsemmija kawza kellhom r-rizervi taghhom dwar l-awtenticità tal-firm fuq id-dokumenti*" li huma mertu ta' din il-kawza u tal-kawza 971/06 AF u ghalhekk la mill-bidu qed jghidu li kellhom ir-rizervi kellhom iressqu xhieda mill-bidu biex jippruvaw ir-rizervi taghom. Inoltre u bla pregudizzju ghal premess, l-esponenti jeccepixxu l-*lis alibi pendens* stante li l-kawza 971/2006 AF hija dwar l-istess mertu kif tista' tikkonstata facilment din l-Qorti dwar is-sekwenza tal-fatti kif graw liema sekwenza qed tigi spjegata fil-paragrafu 5 hawn taht.

"Inoltre u bla pregudizzju ghal premess tali proceduri ghandhom jigi rimessi lil gudikant li qed jisma' l-kawza 971/2006 AF stante li t-talbiet tal-atturi huma l-istess bhalll-eccezzjonijiet taghhom fil-kawza imsemmija, l-provi huma l-istess ghajr dawn ix-xhieda godda li jridu jressqu l-atturi permezz talproceduri odjerni.

"Bla pregudizzju ghal premess it-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li tali talbiet digà qed jigu trattati quddiem din il-Qorti kif preseduta mill-Imhallef Anna Felice fil-kawza numru 971/2006 AF u kif ukoll stante li l-firma fuq il-kambjala u fuq l-iskrittura t-tnejn datati 23 ta' Settembru 2004 t-tnejn huma awtentici ta' Dennis Gatt kif digà gie pruvat fil-kawza 971/2006 AF.

"A kull buon fini s-sekwenza tal-fatti kif graw hija kif gej:

"Fit-2 ta' Dicembru 2005 l-atturi gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali biex ihallsu d-dejn tal-mejjet huhom Dennis Gatt (ittra ufficjali numru 5016/05) in esekuzzjoni tal-kambjala (Dok. B).

"L-atturi opponew stante li eccepew n-nullità tal-kambjala stante li ma kienitx iffirmata mit-traent li huma l-intimati f'dan il-kaz kif ukoll li ghandhom dubju dwar l-awtenticità tal-firma ta' Dennis Gatt u dan

permezz ta' rikors ai termini tal-artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Dok. C) liema rikors instema' mill-Imhallef Pace rikors numru 1165/05 RCP flismijiet Paul Attard u Joseph Attard vs Francis Xavier Gatt, Carmen Gatt, Anthony Gatt, Maria Brincat, Rita Gatt, Joseph Gatt bhala eredi tal-mejjet Dennis Gatt (kopja rikors Dok. C).

"Tali proceduri gew ceduti mill-esponenti sabiex jirregolaw ruhhom in vista tal-eccezzjoni moghtija li l-kambjala hija nulla ghax mhux iffirmata mill-esponenti bhala traenti u dan wara lilistess Qorti ma laqghetx it-talba taghhom biex jiffirmawha seduta stante.

"Ghalhekk fis-26 ta' Ottubru 2006 l-esponenti intavolaw l-kawza numru 971/06 AF biex l-atturi jigu kkundannati jhallsu ssomma mislufa lil Dennis Gatt liema kawza ghandha pendenti sal-lum (kopja tar-rikors guramentat Dok. A).

"Fir-risposta guramentata taghhom l-istess atturi eccepew li l-firma ta' Dennis Gatt mhix awtentika (kopja risposta guramentata Dok. D).

"L-atturi talbu decizjoni dwar jekk it-talbiet tal-esponenti jistghux jigu milqugha galadarba l-kambjala mhix iffirmata mit-traent liema decizjoni inghatat permezz ta' sentenza in parte moghtija fit-28 ta' Jannar 2008.

"Fit-3 ta' Frar 2009 talbu permezz biex jappellaw liema permess gie michud stante sentenza in parte tal-14 ta' Jannar 2010 (Dok. E).

"L-intimati ghalqu l-provi fil-25 ta' Frar 2010 ghajr verifikazzjoni minn espert kaligrafu (verbal anness Dok. F) stante li huma resqu xhud ex parte lil Joseph Mallia u rrizervaw li jaghmlu talba ghal espert kaligrafu jekk l-atturi ma jaghmlux tali talba u kien ghalhekk li l-Qorti ordnat lill-konvenuti sabiex fi zmien hmistax-il gurnata jghidu humiex ser jinsistu fuq in-nomina ta' esperti kaligrafu (verbal anness Dok. G).

"Minn dan l-atturi ma ghamlu xejn u l-Qorti fid-digriet taghha tas-26 ta' Mejju 2010 (Dok. H) qieset li l-atturi rrinunzjaw ghat-talba ta' nomina ta' espert kaligrafu.

"Fis-seduta tad-9 ta' Gunju 2010 il-Qorti hatret lil Dr. Anthony Abela Medici (digriet tad-9 ta' Gunju 2010 anness Dok. I).

"Meta Dr. Anthony Abela Medici pprezenta r-rapport tieghu (Dok. J), fejn irrelata li l-firma hija awtentika bhala dik tal-mejjet Dennis Gatt, l-atturi ma ghamlux talba ghal hatra ta' periti perizjurji kif kellhom dritt jaghmlu skond il-ligi.

"Sussegwentement ghamlu talba fil-11 ta' Jannar 2012 (Dok. K) biex iressqu x-xhieda godda, Wim de Jong u Mechthild Niehoff liema xhieda huma l-istess li jridu jressqu f'din il-kawza liema talba giet michuda stante li l-Qorti rriteniet li din mhix xi haga gdida izda hija bbazata fuq l-eccezzjoni taghhom dwar l-awtenticità tal-firma u ghalhekk tali xhieda

kellhom jinkludihom mar-risposta guramentata taghhom (Dok. K).

"L-atturi talbu u ottjenew permess biex jappellaw (Dok. L).

"L-atturi appellaw u l-esponenti eccepew inter alia li l-appell gie intavolat *fuori termine* u effettivament l-appell gie cedut mill-atturi u l-atti regghu gew rinvjati quddiem din il-Qorti kif preseduta biex tkompli tisma' l-kawza (Dok. M).

"Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

"Huma ma ghandhomx ibatu l-ispejjez.

"Rat id-dokumenti annessi.

"**Rat illi fl-udjenza tas-7 ta' Novembru 2013 il-Qorti ordnat illi l-provi miġbura f'din il-kawża jkunu jgħoddu wkoll għall-provi fil-kawża bin-numru 971/2006 fl-ismijiet Paul Attard et vs Francis Xavier Gatt et u vice versa**.

"Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

"Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

"Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

"Rat l-atti kollha tal-kawza.

"**Ikkunsidrat** illi permezz ta' dawn il-proċeduri, l-atturi qegħdin jimpunjaw l-awtentiċità tal-firma ta' Dennis Gatt fuq l-iskrittura u kambjala datati 23 ta' Settembru 2004 in kwantu li jgħidu li din il-firma kienet fil-fatt iffalsifikata.

"Mill-provi prodotti jirriżulta li l-fatti tal-każ huma dawn. L-atturi huma lkoll l-eredi ta' Dennis Gatt li miet b'disgrazzja f'Diċembru tas-sena 2004. L-intimati jgħidu li qabel ma miet, Dennis Gatt kien issellef mingħandhom is-somma ta' Lm38,000 u dan skont skrittura datata 23 ta' Settembru 2004. Skont din l-iskrittura u kambjala allegatament iffirmati fl-istess jum, il-pagament flimkien ma l-imgħax bir-rata ta' 3%, kien dovut lura lill-intimati sa mhux aktar tard mit-22 ta' Settembru 2005. Il-partijiet fuq l-imsemmija skrittura kienu speċifikament ftehmu li l-ammont komplessiv dovut kien jammonta għal Lm39,140. L-intimati jgħidu li Dennis Gatt kien avviċina lil Paul Attard sabiex isellfu l-flus għan-negozju u peress illi sikwit kienu jinnegozjaw fil-proprjetà flimkien, huwa kien aċċetta, minkejja li ma kienx jaf għalxiex kienu ser jintużaw il-flus. Peress li ma kellux biżżejjed flus hu, l-intimati jkomplu billi jgħidu li parti mis-somma ġiet mislufa lil Gatt mingħand l-intimat l-ieħor Joseph Attard. In kwantu li Dennis Gatt laħaq miet qabel ma ħallas lura lill-intimati, dawn tal-aħħar ipproċedew b'kawża kontra l-eredi tiegħu, l-atturi f'din il-kawża. Fl-imsemmija kawża li għandha n-numru 971/2006, l-intimati, illum atturi,

eċċepew li għandhom ir-riżervi tagħhom dwar l-awtentiċità talfirma ta' Dennis Gatt fuq l-imsemmija skrittura u kambjala. Għal dan il-għan, l-atturi f'dik il-kawża u ċioè l-intimati fil-kawża tal-lum, inkarigaw lil Joseph Mallia, fingerprint expert u document examiner, li wara li spezzjona d-dokumenti in kwistjoni kif ukoll dokumenti oħra li fuqhom tinsab il-firma ta' Dennis Gatt, wasal għall-konklużjoni li l-imsemmija firem għandhom lkoll l-istess karatteristiċi komuni.

"**Din il-Qorti fil-kawża 971/2006 hatret lil Dr. Anthony Abela Medici bħala espert kaligrafu sabiex jirrelata dwar jekk il-firma fuq dawn iż-żewġ dokumenti hijiex ta' Dennis Gatt. Wara li ħa konjizzjoni taż-żewġ dokumenti in kontestazzjoni kif ukoll dokumenti oħra li fuqhom hemm il-firma ta' Dennis Gatt, u dan billi analizza l-oriġinal tad-dokumenti kollha li kellu għaddisposizzjoni tiegħu, huwa wasal għall-konklużjoni li l-firma fuq l-iskrittura u kambjala in kwistjoni huma t-tnejn firem ġenwini ta' Dennis Gatt.**

"Rinfaċċjati b'relazzjoni teknika li tmur kontra t-teżi tagħhom, l-intimati, illum atturi, minflok għażlu li jitolbu l-ħatra ta' periti perizjuri jew imqar jagħmlu domandi in eskussjoni lill-espert kaligrafu mahtur mill-Qorti, għażlu li jinkarigaw żewġ esperti barranin sabiex iħejju rapport tagħhom dwar il-firem in kontestazzjoni. Peress illi din il-Qorti fil-kawża 971/2006 ma laqgħetx it-talba tagħhom sabiex ir-rapport imħejji minn dawn l-esperti jiġi ammess bħala prova f'dik il-kawża, **l-intimati, illum atturi, ipproċedew billi fetħu din il-kawża bl-għan illi jimpunjaw l-awtentiċità tal-firma ta' Dennis Gatt fuq iż-żewġ skritturi in kwistjoni. Il-kawża bin-numru 971/2006 kienet qiegħda tinstema' minn din il-Qorti kif presjeduta u dwarha wkoll qeghda tingħata sentenza llum. Bi qbil bejn il-partijiet, il-provi prodotti f'din il-kawża jgħoddu wkoll f'dik bin-numru 971/2006 u vice versa.**

"Il-mertu tal-kawża tal-lum idur fuq il-kwistjoni pjuttost teknika dwar jekk il-firma ta' Dennis Gatt fuq iż-żewġ dokumenti kontestati hijiex awtentika. L-intimati f'din il-kawża ressqu diversi eċċezzjonijiet ta' natura preliminari li, kif jikkonfermaw huma stess fis-sottomissjonijiet tagħhom, ġew sorvolati fil-mori ta' din il-kawża. Għaldaqstant, il-Qorti mhijiex ser tieħu konjizzjoni tagħhom aktar. Fil-mertu, huma jeċċepixxu li l-firma fuq l-iskrittura u kambjala huma firem awtentiċi ta' Dennis Gatt.

"**L-esperti barranin inkarigati mill-atturi, wara li eżaminaw l-iskritturi kkontestati kif ukoll numru ta' dokumenti oħra li fuqhom tinsab il-firma ta' Dennis Gatt, liema dokumenti ma kienux disponibbli għall-espert kaligrafu nnominat minn din il-Qorti, waslu għall-konklużjoni ta' probabbiltà fi kważi ċertezza li l-firem ikkontestati ma kienux firem ġenwini ta' Dennis Gatt.**

"**L-espert kaligrafu nnominat mill-Qorti, wara li ħa konjizzjoni tar-rapport u konklużjonijiet tal-esperti barranin inkarigati millatturi, bidel il-konklużjoni tiegħu minn waħda ta' ċertezza li l-firem in kwistjoni huma firem awtentiċi ta' Dennis Gatt għal waħda ta'**

**probabbiltà fi kważi ċertezza, li l-firem in kwistjoni huma awtentiċi.**

"Dwar il-konsiderazzjonijiet li Qorti għandha tagħti lir-rapport peritali, il-Qorti tirreferi għas-sentenza fl-ismijiet Carmel Vella vs Victor Sammut, deċiża fit-18 ta' Frar 2004 fejn intqal:

> *"Issa huwa paċifiku f' każijiet ta' din ix-xorta illi l-ġudizzju tal-Qorti kellu neċessarjament ikun bażat fuq l-opinjoni teknika tal-perit nominat minnha. Dan aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruħha mill-fakolta lilha konċessa b' talba għan-nomina ta' periti addizzjonali. Ara "Giswarda Bugeja et -vs- Emmanuele Muscat et", Appell Civili, 23 ta' Gunju 1967".*

"Huwa minnu li skont l-artikolu 681 tal-Kapitolu 12 il-Qorti ma hijiex tenuta jew marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tarrapport tal-perit u li, bħal materjali istruttorji oħrajn huma kontrollabbli mill-ġudikant, kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha:

> *"Dan però ma tistax tagħmlu b' mod leġġer jew kapriċċjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja tagħha kellha tkun ben informata u bażata fuq raġunijiet li gravement ipoġġu fid-dubbju dik lopinjoni teknika lilha sottomessa b'raġunijiet li ma għandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' l-aspett tekniku tal-materja taħt eżami' (Philip Grima vs Carmelo Mamo et nomine, deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Mejju 1998).*

"Ġie wkoll sewwa ritenut illi:

> "*f'ċirkostanzi bħal dawn ikun prużuntuż għall-ġudikant illi jiddipartixxi bla raġuni verament valida mir-relazzjoni peritali. Dana mhux biss għax ma kellux il-mezzi għad-disposizzjoni tiegħu biex serenement jinoltra ruħu fl-aspetti tekniċi tal-meritu, imma wkoll għaliex neċessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza meħtieġa biex, b' mod kritiku, jasal għal konvinċiment divers minn dak li jkunu waslu għalih l-esperti minnu nominati."* (Benjamin Camilleri nomine vs Charles Debattista nomine, deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Frar 2001).

"Fil-kawża Champalin Company Limited vs Emmanuel Debono et deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-1 ta' Marzu 2004 ingħad illi:

> *"Ir-raġunament imfisser tant tajjeb fir-rapport imressaq minnu jikkostitwixxi determinazzjoni ta' fatt li din il-Qorti sejra toqgħod fuqu għaliex, għalkemm dictum expertorum numquam transit in rem judicatam, il konklużjonijiet ta' perit tekniku jikkostitwixxu prova u mhux sempliċi opinjoni jew suspett. Tali fehmiet għandhom is-saħħa ta' prova bħal Page 11 of 14 kull prova oħra ammissibbli fil-liġi, u jibqgħu jgawdu din ilkwalita' sakemm ma jiġux kontestati, jew permezz ta' provi oħrajn kuntrarji għalihom jew inkella b'sottomissjonijiet serji u tajbin biżżejjed li juruhom bħala fehmiet inattendibbli u li ma jitwemmnux [App Civ 9/2/2001 – Camilleri vs Debattista]. Għalkemm il-Qorti m'hijiex marbuta li toqgħod għal fehmiet ta' perit minnha maħtur kontra l-konvinzjoni tagħha nnifisha [Kap 12 Art 681], madankollu l-giudizio dell'arte ma jistax u*

*m'għandux jitwarrab faċilment, sakemm ma jkunx jidher b'mod ċar li lfehmiet u konklużjonijiet tal-perit huma irraġonevoli [App Civ 23/6/1967 Bugeja vs Muscat et]."* Ara wkoll issentenza tal-Qorti tal-Appell deċiża fit-30 ta' Mejju 2014 flismijiet Geswalda Caruana vs Francis Xerri."

"Hekk ukoll, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Philip Grima vs Carmelo Mamo et, deċiża fid-29 ta' Mejju 1998 qalet illi:

*"Il-konklużjonijiet tal-perit tekniku jikkostitwixxu prova. Opinjoni li għandha valur probatorju daqs kull prova oħra u li tibqa' tipprevali sakemm ma tiġix kontrastata jew bi provi oħra li jikkontradiċuwha jew altrimenti b'sottomissjonijiet tal-parti li jinnewtralizzawha bħala waħda mhux attendibbli u kredibbli."*

"Din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha flismijiet Petroil Engineering Services Limited vs Oil and Construction International Limited et, deċiża fit-8 ta' Jannar 2007 spjegat illi:

*"L-istitut tal-prova permezz ta' perizija huwa intiż sabiex ilQorti tkun tista tistabilixxi fatti rilevanti għall-mertu ta' kawża illi jkunu ta' natura tali illi jirrikjedu taħriġ jew tagħlim speċjali jew speċjalizzat appuntu sabiex jiġu determinati."*

"Kif diġà ntqal, jirriżulta li l-każ illi għandha quddiemha l-Qorti llum huwa wieħed essenzjalment tekniku. Għaldaqstant, hija mhijiex disposta li tissostitwixxi l-ġudizzju tagħha għal dak ta' tekniku sakemm ma jiġux indikati oggezzjonijiet gravi u serji u Page 12 of 14 ta' ċertu piż (Marion Bonnett vs Mary Lewis, Appell Inferjuri, deċiża 1 ta' Marzu 1994).

"Il-liġi tipprovdi għan-nomina ta' periti addizzjonali sabiex ikun hemm mezz ta' verifika tal-opinjoni teknika li l-ewwel perit ikun issottometta. (Ara f'dan is-sens is-sentenzi tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Camilleri vs Debattista, deċiża fid-9 ta' Frar 2001 u Ivan Borg pro et noe vs George Aquilina, deċiża fid-19 ta' Ottubru 2005). Kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali filkaż ta' Annunziato Camilleri pro et noe vs Avukat Dottor Gerald Montanaro Gauci noe tal-1 ta' Settembru 1967:

*"Issa in kwantu l-appellant deherlu illi l-opinjoni espressa fir-rapport mill-perit ma kinitx sewwa, għax inkompetenti jew żbaljata, u/jew ghax oġġettivament inġusta, hu seta jimpunja dik l-opinjoni billi kif osservat l-ewwel Onorabbli Qorti – jitlob in-nomina ta' periti addizzjonali. Hu veru dak li jingħad fil-petizzjoni ta' l-appell ċioe` illi l-perizja ma hix l-uniku mod kif parti tista' tikkumbatti rapport avvers għatteżi tagħha; u li l-parti tista, jekk hekk tagħżel tagħmel sottomissjonijiet quddiem il-Qorti u jekk tingħata l-permess anke tressaq provi oħra minflok titlob in-nomina ta' periti oħra, biex tikkumbatti rapport kontra tagħha. Iżda trattandosi ta' opinjoni teknika ċertament in-nomina ta' periti perizjuri hi l-mod normali u l-aktar effikaċi ta' impunjazzjoni ta' l-opinjoni ta' l-ewwel espert."*

"Jirriżulta li l-esperti barranin inkarigati mill-atturi kellhom għad-

disposizzjoni tagħhom aktar dokumenti bil-firma ta' Dennis Gatt sabiex ikunu jistgħu jqabblu u janalizzaw qabel waslu għall-konklużjonijiet tagħhom. Madanakollu, b'daqshekk ma jfissirx illi l-konklużjonijiet tal-perit kaligrafu għandhom jiġu skartati. Fuq kollox, **l-atturi setgħu faċilment għamlu dawn id-dokumenti disponibbli għall-perit kaligrafu kif għamluhom disponibbli għall-esperti inkarigati minnhom.**

"L-atturi jikkontestaw il-konklużjonijiet tal-perit kaligrafu wkoll għaliex jgħidu li ma kellux apparat sofistikat daqs tal-esperti barranin inkarigati minnhom. Dan jista' jkun li huwa minnu imma b'daqshekk **ma jfissirx illi l-konklużjonijiet tal-espert inkarigat mill-Qorti mhumiex ta' min joqgħod fuqhom. L-espert kaligrafu eżamina u analizza l-oriġinal tad-dokumenti kollha li fuqhom ibbaża l-konklużjonijiet tiegħu u uża l-apparat speċjalizzat tiegħu sabiex wasal għal dawn il-konklużjonijiet. Huwa jispjega kif il-kwistjoni, apparti li hija ta' natura teknika, hija wkoll pjuttost soġġettiva u li l-esperti fil-qasam mhux dejjem ser jaqblu fil-konklużjonijiet tagħhom. Madanakollu, huwa spjega fid-dettal il-metodu tiegħu u għalfejn, skont hu, ma jistax ikun illi l-firem ġew falsifikati bħal ma jsostnu l-atturi u l-esperti inkarigati minnhom.**

"Il-perit kaligrafu mahtur mill-Qorti fil-kawża 971/2006 huwa mhux biss kompetenti imma espert fil-qasam tal-kaligrafija. Huwa ġie hekk mahtur bi qbil bejn il-partijiet. **Għar-raġunijiet li jafuhom huma biss, l-atturi inkarigaw esperti ex parte minflok ma talbu lill-Qorti tinnomina periti perizjuri, kif kellhom kull dritt illi jagħmlu. Huma setgħu faċilment talbu lill-Qorti sabiex tinnomina esperti barranin f'każ illi f'Malta m'hawnx esperti oħrajn fil-qasam tal-kaligrafija**.

"Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti tħoss illi ma tistax tiskarta l-opinjoni tal-espert kaligrafu indipendenti inkarigat minnha u minflok tadotta l-konklużjonijiet tal-esperti inkarigati ex parte mill-partijiet. Dan, il-Qorti qiegħda tgħidu bir-rispett kollu lejn l-imsemmija esperti in kwantu li m'għandha l-ebda dubju dwar l-esperjenza u professjonalita tagħhom fil-qasam tal-kaligrafija, imma fl-aħħar mill-aħħar xorta waħda jibqgħu esperti ex parte. Kienet tkun differenti s-sitwazzjoni kieku l-Qorti ma kellhiex l-opinjoni teknika tal-espert innominat minnha sabiex fuqha tibbaża d-deċiżjoni tagħha.

"Fuq kollox, din il-Qorti ma tistax ma tagħtix il-piż dovut lill-osservazzjonijiet li jagħmel l-espert kaligrafu dwar il-konklużjonijiet tal-esperti barranin inkarigati mill-atturi, in kwantu li fil-fehma tal-Qorti, dawn l-osservazzjonijiet wkoll huma ta' min jistrieh fuqhom.

"Għalhekk, wara li fliet bir-reqqa r-relazzjonijiet kollha magħmula fiż-żewġ kawżi, kif ukoll il-kummenti tal-esperti fuq il-konklużjonijiet tal-kollegi tagħhom, din il-Qorti, priva minn tagħlim tekniku sabiex tapprezza l-provi u osservazzjonijiet illi tressqu mill-partijiet, tqis illi għandha tistrieh fuq il-konklużjoni tal-espert kaligrafu nnominat minnha.

> "L-atturi jsostnu li Dennis Gatt kien f'qagħda finanzjarja tajba u li ma kellux għalfejn jissellef flus. Madanakollu, għajr għax-xhieda tan-Nutar Marco Farrugia, **huma ma ressqu l-ebda prova tajba sabiex jissostanzjaw l-argument tagħhom li mhuwiex verosimili li Dennis Gatt kien ser jissellef il-flus. L-istess għandu jingħad dwar l-allegazzjoni tagħhom illi s-self in kwistjoni ma setax jiġi rintraċċjat qalb id-dokumenti li ħalla warajh Dennis Gatt.**
>
> "Finalment, l-atturi jargumentaw illi mhuwiex minnu li liskrittura ta' self brevi manu in kwistjoni nkitbet mill-intimat Joseph Attard u li allura l-intimati misshom ressqu bħala xhud lil dik il-persuna li kitbet l-iskrittura sabiex tixhed dwar iċ-ċirkostanzi tal-każ. Imma għal darb'oħra, il-Qorti tinnota li l-atturi ma jressqu l-ebda prova sabiex jissostanzjaw l-argument tagħhom.
>
> "Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt illi tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjonijiet preliminari tal-intimati in kwantu li dawn ġew sorvolati fil-mori tal-kawża, tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra tagħhom."

**<u>RIKORS TAL-APPELL tal-atturi (12.02.2018):</u>**

3. L-atturi ħassewhom aggravati bis-sentenza tal-ewwel Qorti u għalhekk interponew dan l-appell minnha. L-ilment tagħhom bażikament huwa fis-sens li l-ġudizzju tal-ewwel Qorti dwar l-awtentiċita` tal-firem in disputa fuq l-iskrittura u l-kambjala tat-23 ta' Settembru 2004, huwa msejjes fuq apprezzament żbaljat tal-evidenza ppreżentata quddiemha, meta għażlet li tistrieħ fuq provi ambigwi u inkonklussivi u warrbet kważi għal kollox provi importantissimi. Isostnu li kien hemm esebiti in atti provi determinanti fir-rigward tal-awtentiċita` (o meno) tal-firem ta' Dennis Gatt, anke ta' natura purament teknika, li ma ngħatawx il-qies li kien jixirqilhom. L-argumenti (ferm voluminużi) li jressqu fir-rikors tal-appell tagħhom jistgħu jiġu sintetiżżati kif ġej:

(i) Ifakkru li l-ġurisprudenza tgħallem li meta jkun hemm kunflitt fil-verżjonijiet tal-partijiet, il-Qorti għandha tislet korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi waħda mill-verżjonjiet bħala li hija aktar kredibbli u fin-nuqqas tiġi applikata l-massima *actore non probante reus absolvitur*; ifakkru wkoll li mhux kull kunflitt fil-provi għandu jħalli lill-qorti fi stat ta' perplessita` għaliex fil-kamp ċivili iċ-ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant hija indotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. **Isostnu li l-ewwel qorti ma messha qatt waslet għall-konklużjoni li huma ma tawx prova sodisfaċenti dwar il-pretenzjoni tagħhom li l-firem in kwistjoni huma firem falsifikati, kif rikjest mill-azzjoni minnhom esperita.**

(ii) **Jilmentaw li l-ewwel Qorti ibbażat il-ġudizzju tagħha unikament fuq ir-rapport tal-espert kaligrafiku Anthony Abela Medici**. Isostnu li għalkemm l-ewwel Qorti tat ħafna piz il-fatt li ma talbux il-ħatra ta' periti perizjuri jew li ma eskutewx lill-perit Abela Medici, dan l-argument xejn ma jiswa għaliex huma irexxilhom juru li **kien hemm raġunijiet serji, gravi u determinanti biex ipoġġu l-attendibilita` tar-rapport tal-espert Abela Medici fid-dubju.**

(iii) Kwantu għall-ġurisprudenza ikkwotata mill-ewwel Qorti dwar il-kunsiderazzjonijiet li qorti għandha tagħti lir-rapport peritali, filwaqt li jgħidu li jaqblu ma tali każistika, jilmentaw li **tali insenjament kellu invece jwassal lill-ewwel qorti biex effettivament tagħżel li ma tistrieħx fuq ir-rapport, u biex invece tagħżel li tistrieħ fuq ir-rapport tal-Periti Wim De Jong u Mechthild Niehoff.** Jenfasizzaw li dan ir-rapport tal-esperti tekniċi fih innifsu ippreżenta lill-ewwel qorti sensiela ta' raġunijiet gravi u serji biex ma taddottax il-konklużjonijiet ta' Abela Medici, u biex invece tabbraċċja l-konklużjonijiet ta' dawn l-esperti barranin. Jargumentaw illi fid-dawl ta' dan ir-rapport tal-esperti barranin kwalsiasi talba għal periti perizjuri jew eskussjoni tal-perit tekniku ġiet eżawrita għaliex **b'hekk addirittura marru oltre r-rimedji ordinarji li kellhom a dispożizzjoni tagħhom.**

(iv) Jaċċennaw għall-fatt li l-Perit tekniku Abela Medici **waqaf biss fuq l-apprezzament tal-istil tal-kitba u forma tal-ittri**; filwaqt li l-esperti barranin għamlu analiżi aktar fil-fond u qiesu wkoll pekuljaritajiet grafiċi bħal:

- **anqas veloċita` fil-kitba,**
- **pressjoni kbira u uniformi,**

- **devjazzjoni fid-direzzjoni tal-kitba,**
- **postijiet moħbija ta' waqfien fil-moviment,**
- **interruzzjonijiet u linji miżjuda neqsin minn struttura naturali u ġenwina.**

(v) **Jaċċennaw ukoll għall-fatt li l-esperti barranin qiesu aktar firem oriġinali (45) mill-firem oriġinali li qies Abela Mediċi (15)** u li l-istess Abela Medici fir-rapport tiegħu qal li kienu biżżejjed u ma kellux bżonn ta' iżjed minn hekk.

(vi) **Jaċċennaw ukoll għall-fatt li Abela Medici la kellu l-apparat u lanqas is-*software*** li kellhom l-esperti barranin biex jidħol fil-livell ta' dettall li daħlu huma.

(vii) Jirreferu wkoll għad-***disproportional congruence*** li kkonstataw l-esperti barranin fis-sens li l-firem in disputa huma kważi identiċi (tant li meta ġew *superimposed* qablu kważi b'mod preċiż), li kif spjega Wim De Jong hija karatteristika ta' **"forgery",** filwaqt li l-firem l-oħra ta' Dennis Gatt għandhom inqas kongruenzi, anke dawk li saru fl-istess jum.

(viii) Kwantu għall-osservazzjoni ta' Abela Medici fejn ix-xebh

bejn iż-żewġ firem in diżamina ġew meqjusa minnu bħala fattur favur it-teżi li dawn kienu awtentiċi, ifakkru li l-opinjoni tiegħu fil-kawża <u>Rita Rosalinda Portelli v. Carmen Portelli</u> (deċiża mill-Q. Maġistrati Għawdex fil-25.10.2013)[1] kienet invece bil-kontra, fis-sens li kien saħaq li x-xebħ bejn żewġ firem għandu jimmilita favur it-teżi tal-falsifikazzjoni.

(ix) Jenfasizzaw kif Wim De Jong xehed li hu u l-esperta l-oħra Niehoff għamlu l-eżamijiet forensiċi tagħhom b'użu ta' **mikroskopji speċjalizzati u dejjem ħadmu fuq dokumenti oriġinali.**

(x) Jaċċennaw għall-fatt li mill-apparat speċjalizzat li kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom l-esperti barranin setgħu jikkonkludu li l-firem in disputa:

*"…display phenomena in the structure of the writing lines which are typical of slowly made lines, with limited line tension and pressure exerted in a monotonous manner. Interruptions in places that are unnatural for the writing movement can be observed in several places."*

[1] u mill-Qorti tal-Appell fil-05.10.2018

u jikkummentaw li din ir-rigorożita` ta' metodu xjentifiku kif spjegata mill-esperti barranin hija nieqsa fir-rapport ta' Abela Medici.

(xi) Jaċċennaw għax-xiehda ta' De Jong fejn qal li bit-teknika li biha hu u Niehoff analizzaw il-firem setgħu jirriskontraw il-veloċita` fil-kitba, il-pressa u l-kwalita` tal-linji: **karatteristiċi li żvelaw il-falsita` tal-firem.**

(xii) Jenfasizzaw li Abela Medici stess, **ikkonċeda li kien sprovvist mill-apparat speċjalizzat** li kellhom aċċess għalih l-esperti barranin u li kien f'dan id-dawl li biddel il-konklużjonijiet tiegħu anke jekk marginalment (minn waħda ta' ċertezza għal waħda ta' probabbilta` fi kważi ċertezza).

(xiii) Isostnu li l-ewwel Qorti kellha taddotta l-konklużjoni tal-esperti barranin, li huma **speċjalisti rinomati** (esperti forensiċi tal-kaligrafija b'karriera u formazzjoni akkademika speċjalizzata f' dan il-qasam) u lil hinn minn dan kollu meta kien hemm tant **fatturi oġġettivi** li juru l-attendibilita` tal-istess, anke meta riskontrati mal-konklużjonijiet ta' Abela Medici.

(xiv) Magħdud ma' dan kollu jilmentaw bil-fatt li l-ewwel **Qorti ma tatx piż lix-xiehda (mhux kontradetta) tan-Nutar Marco Farrugia**, terz diżinteressat, meta qal li mhux verosimili li Dennis Gatt kellu jagħti xi flus lil nies considerando l-ġid li għandu**.** Isostnu wkoll li hija sinifikanti dik il-parti tax-xiehda tiegħu fejn qal li kienu marru xi nies għandu fl-uffiċċju l-Belt biex jawtentikalhom firma ta' Dennis Gatt fuq skrittura ta' debitu, u imbagħad irriżulta li kienu proprju l-aħwa Attard.

**<u>RISPOSTA TAL-APPELL tal-konvenuti appellati (07.03.2018):</u>**

4. Il-konvenuti appellati wieġbu biex jgħidu għaliex l-appell tal-atturi għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata.

**<u>IL-KAWŻI 971/2006 u 392/2013:</u>**

5. Huwa utli qabel xejn li jiġi spjegat l-iter proċesswali ta' din il-kawża **<u>971/2006/AF</u>** u tal-kawża **<u>392/2013/AF</u>** fl-ismijiet inversi, liema kawżi huma mexjin flimkien u l-provi ta' waħda jgħoddu għall-oħra.

26.10.2006 **<u>Ġiet intavolata l-kawża 971/2006/AF</u>**

**L-aħwa Paul u Joseph Attard fetħu l-kawża 971/2006 kontra l-eredi ta' Dennis Gatt biex jiġu**

**kkundannati jħallsuhom is-somma ta' Lm39,140 rappreżentanti self brevi manu ta' Lm38,000 u Lm1,140 imgħax bir-rata ta' 3%, skont skrittura u kambjala datati 23 ta' Settembru 2004.**

(Skont l-istess skrittura u kambjala, il-ħlas kellu jsir mhux iktar tard mit-22 ta' Settembru 2005, iżda ġara li Dennis Gatt miet traġikament fis-6 ta' Diċembru 2004.)

13.11.2006 **Fir-risposta ġuramentata tagħhom l-eredi ta' Dennis Gatt eċċipew (*inter alia*) li kellhom ir-riservi tagħhom dwar l-awtentiċita` tal-kambjala** stante li fl-ewwel lok dak iż-żmien Dennis Gatt ma kellux problemi ta' likwidita` u fit-tieni lok l-allegat self (dħul ta' flus) ma setax jiġi rintraċċjat fit-transazzjonijiet li għamel jew f'xi entries fl-accounts tal-kumpaniji tiegħu jew li kellu interess fihom.

30.11.2006 L-aħwa Attard ippreżentaw **rapport ta' Joseph Mallia** esperti kaligrafiku *ex parte* inkarigat minnhom fid-29 ta' Novembru 2005. Fir-rapport

tiegħu datat 15 ta' Diċembru 2005 huwa iddikjara li l-karatteristiċi tal-firem li jidhru fuq il-kambjala u l-iskrittura tat-23 ta' Settembru 2004 **huma kompatibbli** mal-karatteristiċi tal-firem ta' Dennis Gatt li jidhru fuq diversi dokumenti oħra.

28.01.2009 L-ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet preliminari u għalhekk il-kawża tkompliet fuq il-mertu.

14.01.2010 L-ewwel Qorti ċaħdet ir-rikors tal-eredi ta' Dennis Gatt biex ittihom permess jappellaw mis-sentenza preliminari.

09.06.2010 Inħatar Dr Anthony Abela Medici bħala l-espert kalligrafu biex jirrelata dwar il-firem ta' Dennis Gatt li jidhru fuq l-iskrittura u kambjala mertu tal-kawża.

09.05.2011 **Dr Anthony Abela Mediċi ippreżenta r-rapport tiegħu** fejn ikkonkluda li l-firem ta' Dennis Gatt fuq l-iskrittura u l-kambjala huma t-tnejn **firem ġenwini** tal-istess Dennis Gatt.

24.05.2011 L-eredi ta' Dennis Gatt irriservaw li jitolbu l-ħatra ta'

periti addizzjonali.

27.10.2011 L-ewwel Qorti laqgħet it-talba tal-eredi ta' Dennis Gatt biex żewġ esperti kalligrafiċi barranin (*ex parte*) jeżaminaw il-proċess fir-Reġistru tal-Qorti.

05.03.2012 L-ewwel Qorti ċaħdet it-talba tal-eredi ta' Dennis Gatt biex tammetti liż-żewġ esperti barranin (Wim de Jong u Mechthild Niehoff) bħala xhieda sabiex jgħidu li l-firem huma fil-fatt foloz.

27.06.2012 L-ewwel Qorti laqgħet it-talba tal-eredi ta' Dennis Gatt biex ittihom permess jappellaw mid-digriet tagħha tal-5 ta' Marzu 2012.

12.07.2012 L-eredi ta' Dennis Gatt appellaw mid-digriet (*fuori termine).*

08.04.2012 L-eredi ta' Dennis Gatt ċedew l-appell.

22.04.2012 **<u>Ġiet intavolata l-kawża 392/2013/AF</u>**

**L-eredi ta' Dennis Gatt (ħlief Francis Xavier**

**Gatt) fetħu kawża kontra l-aħwa Paul u Joseph Attard sabiex jiġi dikjarat li l-firem ta' Dennis Gatt fuq l-iskrittura u l-kambjala tat-23 ta' Settembru 2004 huma ffalsifikati u li konsegwentement l-istess skrittura u kambjala huma nulli.**

Flimkien mar-rikors ġuramentat ippreżentaw kopja tar-**rapport tal-esperti barranin Wim de Jong u Mechthild Niehoff** fejn l-istess esperti iddikjaraw li bi "*probability bordering on certainty*" il-firem ta' Dennis Gatt fuq l-iskrittura u kambjala in kwistjoni, huma nulli.

04.04.2016 **Il-Perit tekniku Dr Anthony Abela Medici ippreżenta l-kummenti tiegħu** fir-rigward tar-rapport tal-esperti barranin. Huwa biddel il-konklużjonijiet tiegħu minn "*ċertezza"* li l-firem huma ġenwini għal "*probabilta` fi kważi ċertezza*" li huma ġenwini.

23.01.2018 L-ewwel Qorti għażlet li toqgħod fuq ir-rapport tal-Perit Abela Medici u konsegwentement:

-ċaħdet it-talba tal-eredi ta' Dennis Gatt fil-kawża **392/2013** u

-laqgħet it-talba tal-aħwa Attard fil-kawża **971/2006**.

**<u>IL-KONKLUŻJONIJIET (U XIEHDA) TAL-PERITI *EX PARTE* U TAL-PERIT TEKNIKU:</u>**

**(a) <u>Il-Perit Joseph Mallia inkarigat mill-aħwa Paul u Joseph Attard:</u>**

6. Il-Perit *ex parte* Joseph Mallia fir-rapport tiegħu[2] spjega li kien qabbel il-firem in disputa (Dok A u B) ma' kopji ta' firem ta' Dennis Gatt li jinsabu fuq sitt (6) dokumenti (Dok C-H). Huwa ikkonkluda hekk:

> *"A. Illi l-karatteristiċi li jidhru fil-kopji tal-firem fuq id-dokumenti A u B huma kompatibbli ml-karatteristiċi tal-firem li jidhru fuq il-kopji tad-dokumenti C, D, E, F, G u H.*
>
> "*B. Illi f'kull firma l-ittri D u G huma separati mill-kumplament tal-ittri l-oħra u huma miktubin f' darba.*
>
> "*C. Illi l-ittri ATT huma miktubin separatament mill-ittra G, għandhom l-istess karatteristiċi, u miktubin f' darba fil-firem kollha.*
>
> "*D. Dawn il-karatteristiċi komuni issibhom fil-firem ta' Dennis Gatt kollha immaterjalment f'liema sena jew data inkitbu."*

7. Fix-xiehda tiegħu bl-affidavit (Dok JM) huwa ta l-kummenti tiegħu <u>wara li ra r-rapport tal-esperti barranin u qal li ma jaqbilx ma diversi</u>

[2] Maħluf fit-30.11.2006; spjega li kien tħallas ta' xogħlu fit-02.11.2006.

<u>konklużjonijiet għas-segwenti raġunijiet</u>:

- Dwar is-superimposition taż-żewġ firem ma jaqbilx li hija "*near precise match*" kif qalu l-periti. Huwa fil-fatt ippreżenta superimpożizzjoni li hija differenti mis-superimpożizzjoni tal-esperti barranin.




- Fil-kampjuni tal-firem ta' Dennis Gatt jinstabu varjazzjonijiet kontinwi fil-kitba, kemm tal-ittri kapitali D u G u kif ukoll fl-ittri żgħar a, t, t. Josserva li Dennis Gatt ma kellux firma fissa u stabbilita u għalhekk jiffirma kif iħoss.

- Fil-każ tal-interruzzjonijiet fil-linji wieħed għandu jieħu in konsiderazzjoni t-tip ta' strument li bih inkitbu l-firem kontestati, ir-ras tal-istrument (*roller pen, round tip, fine tip etc*), il-kwalita` tal-inka u l-pressa.  Huwa annetta ritratti ingranditi minnu biex

juri li anke f'xi kampjuni tal-firem jidhru interruzzjonijiet fil-linji.

- Il-każ ta' slow writing ma jfissirx li l-firem bil-fors ġew ikkupjati: wieħed irid jikkunsidra l-istat ta' saħħa ta' Dennis Gatt dakinhar li allegatament inkitbu l-firem (*trattament ta' mediċini, anzjeta` etc*), il-kwalita` ta' strument li bih inkitbu, il-wiċċ (*surface*) tal-oġġett (*eżempju mejda bil-wiċċ mhux lixx etc*), il-pożizzjoni tal-persuna (*eżempju komda bil-qegħda, bil-wieqfa etc*)

- Jistaqsi, jekk il-firma ġietx ikkupjata b'mod preċiż, kif suġġerit, kif l-aħħar ittra T ġiet inklinata daqshekk 'il fuq u ddur b'mod triangolari meta din il-linja fil-kampjuni tinkiteb b'mod aktar sottili u baxx?

**(b) <u>Il-Perit tekniku Dr Anthony Abela Medici</u>**

8. L-espert tekniku nominat mill-Qorti Dr Anthony Abela Medici fir-rapport tiegħu spjega li kien qabbel il-firem in disputa (oriġinali) ma' firem oħra (oriġinali) miġbura minn atti notarili (snin 1993 u 2002). Huwa spjega li għalkemm l-aħwa Attard kienu indikawlu dokumenti oħra bil-firem ġenwini ta' Dennis Gatt, huwa ħass li kellu firem oriġinali biżżejjed u ma kellux bżonn iktar.


Dr. Anthony J. Abela Medici

971/2006 AF

215

**Ghaldaqstant il-firem kontestati ta' Dennis Gatt li gew ippresentati ghal-komparazzjoni kienu:**

D Gatt

firma fuq l-original ta' dokument a fol. 22 dok. BA2

D Gatt

firma fuq l-original ta' dokument a fol. 23 dok. BA3

**Firem genwini ta' Dennis Gatt migbura minn Atti Notarili:**

L-iscans ta' dokumenti b' firem fuqhom, iktar il-fuq murija, gew cropped sabiex tidher biss il-firma ta' D. Gatt u dawn qed jigu riprodotti hawn taht.

944-93

945-93

949-93



Dr. Anthony J. Abela Medici

971/2006 AF

216

952-93

954-93

956-93

987-02


Dr. Anthony J. Abela Medici

971/2006 AF

217

994-02

1095-02

1096-02

1101-02

1102-02

1103-02


Dr. Anthony J. Abela Medici

971/2006 AF

218

1104-02

9. Wara li ikkompara l-firem in disputa mal-firem inkontestati ta' Dennis Gatt ikkonstata li:

- Il-**hiatus** (waqfa) wara l-firma D u G tinstab kemm fil-firem in disputa u kif ukoll fir-firem l-oħra;

- L-**ittra kapitali D**: fil-firem ġenwini ta' Dennis Gatt, il-mod kif Dennis Gatt kien jikteb l-ittra D kienet tixbaħ ħafna l-ittra O, b'tendenza għal tundjatura fuq isfel u f'moviment li jibda' vertikalment 'l isfel, tundjatura fuq isfel u kontinwazzjoni lejn il-lemin b'tidwira wiesa għal fuq ix-xelluq li normalment tissupera l-linja vertikali. Għalkemm hemm varjazzjonijiet fil-firem ġenwini ta' Dennis Gatt, il-kostruzzjoni ta' din l-ittra hi dejjem identika u karatteristika. Din instabet ukoll fil-firem in kwistjoni.

- L-**ittra kapitali G**, hija ukoll karatteristika għall-mod ta' kif Dennis Gatt kien jiffirma. L-ittra tibda b'tidwira minn isfel għal fuq lejn il-lemin b'arc kbira li tifforma loop relattivament dejqa in rispett għal dik fl-ittra D, liema loop tiddawwar 'l isfel u titla f'loop żgħira ħafna sabiex tifforma is-sieq tal-ittra G. Din il-loop żgħira iddur mil-lemin għax-xellug, tinżel 'l isfel sabiex tifforma s-sieq tal-ittra G f'angolatura ta' madwar 30 grad lejn

ix-xellug. Il-bidu tal-firma tal-ittra G huwa normalment jew fl-istess livell tal-qiegħ tal-loop ta' isfel jew inkella aktar 'l isfel. Il-loop t'isfel tal-ittra G hija pjuttost wiesa iżjed mil-loop ta' fuq.

- **l-ittra zgħira "a"** hija wkoll pjuttost karatteristika bil-parti ta' fuq tal-ittra miftuħa u mhux magħquda mal-linja vertikali tal-lemin, bis-sieq tal-lemin ftit iżjed 'l isfel mill-kurvatura tax-xellug. Din il-karatteristika tinsab ukoll fiż-żewġ firem in disputa.

- **l-ittri "tt" u t-terminazzjoni tal-firma**: dawn iż-żewġ ittri huma miktuba qishom ittra kapitali M b'arkati wesgħin fuq taħt u tilgħin għall-ponta fil-parti ta' fuq. It-tmiem tal-aħħar ittra tispiċċa dejjem b'tidwira jew lejn ix-xellug u 'l fuq, jew lejn il-lemin u lura lejn ix-xellug fejn din il-linja taqta l-linji vertikali tal-ittra sabiex tifforma l-linja orizzontali tal-ittri "t". Fil-firem ġenwini ta' Dennis Gatt iż-żewġ direzzjonijiet huma evidenti, u Dennis Gatt kien ibiddel id-direzzjoni waqt il-firem tiegħu. Iż-żewġ firem fuq id-dokumenti in disputa għandhom il-karatteristici tal-ittri identiċi għal dawk fil-firem ġenwini ħlief it-terminu tal-aħħar ittra li l-qtugħ orizzontali tal-ittri "tt" huma pjuttost orizzontali waqt li l-qtugħ tal-ittri "tt" fil-firem awtentiċi

kollha ħlief għal waħda (**956-93**) huma pjuttost minn isfel għal fuq direzzjonalment lura. L-eċċezzjoni (**956-93**) hija kostruita simili ħafna għall-mod kif il-firem taħt investigazzjoni ġew magħmula f'rigward it-tmiem tagħhom.

10. Minn tali konsiderazzjonijiet qal li "jidher ċar" li l-firem fuq l-iskrittura u l-kambjala huma t-tnejn firem ġenwini ta' Dennis Gatt. Huwa skarta l-possibilita` li tali firem ġew ikkupjati minn fuq xi firma minn tiegħu. Spjega illi biex dan isir, dak li jkun irid:

- jikteb bil-mod u jħalli ħafna pawsi (li skont hu ma kienx il-każ, kif jidher mill-firem ingranditi); jew

- jikteb jgħaġġel biex ma jħallix pawsi iżda imbagħad b'ħafna iżjed żbalji (li skont hu lanqas ma kien il-każ); jew

- jagħmel tracing (li skont hu ma kienx hemm evidenza ta' dan). Qal li ma sab l-ebda evidenza ta' tracing tal-firma bħal traċċi ta' lapes jew firma ppressata ġol-karta li tħalli impressjoni anke fuq wara tad-dokumenti. Qal li meta għamel superimposition sab li ma kienx hemm korrispondenza tajba. Qal ukoll li fil-inka ma jidhrux pawsi u l-pressjoni tal-kitba fuq wara tidher ugwali, cioe` mingħajr

evidenza ta' pawsi.

11. Għalhekk huwa kkonkluda li fl-opinjoni tiegħu "*kwalifikata bi 30 sena esperjenza fl-eżamijiet ta' kaligrafija*" il-firem in disputa huma t-tnejn firem ġenwini ta' Dennis Gatt.

12. Wara li ra r-rapport tal-esperti barranin, fejn qalu invece li l-firem kienu foloz, huwa wieġeb għal numru ta' domandi li sarulu mill-eredi ta' Dennis Gatt. Sostna li l-inkarigu tiegħu qdieħ bl-aħjar abilita` tiegħu. Spjega li hu ma użax stereomicroscope iżda lentijiet b'ingrandezza ta' 6, iżda qal li r-riżultati li ra fir-rapport tal-esperti barranin ma jipperswaduhx biex ibiddel ir-riżultanzi tiegħu. Biss ta l-"*benefit of the doubt*" u niżżel il-livell ta' ċertezza għal kważi ċertezza. Qal li ma jaqbilx mal-konklużjonijiet tal-esperti barranin u li jekk hux korrett jew le tarah il-Qorti. Dwar "slow writing" u pawsi meta wieħed ikun qed jikkopja, qal li normalment ikun hemm "blobs" ta' inka. Qal li ma jistax jingħad li għax żewġ firem huma simili ħafna (bħal ma huma ż-żewġ firem in kwistjoni) allura huma foloz.

**(c) Il-periti barranin Wim de Jong[3] u Mechthild Niehoff[4] inkarigati mill-eredi ta' Dennis Gatt**

[3] **Skont il-Curriculum Vitae tiegħu huwa** "*works as an independent forensic document examiner for the court, the Public Prosecution Service and the legal profession in Germany and Netherlands. Mr de Jong is included in the expert index o the courts in the Netherlands and is a publicly appointed and accredited expert in Germany.*"

[4] **Skont il-Curriculum Vitae tagħha hija** "*publicly appointed and accredited expert in the field of handwriting examination and works as an independent forensic document examiner for the court, the Public Posecution Service, and the legal profession in Germany.*"

13. L-esperti barranin fir-rapport tagħhom (li jinkludi annex b'ritratti ferm ċari tal-"*visual representation of the findings*") spjega li kellhom a dispożizzjoni tagħhom kemm il-firem oriġinali in disputa kif ukoll 45 dokument oriġinali li fuqhom hemm il-firma inkontestata ta' Dennis Gatt għall-perjodu 1993-2004. Huma kkonstataw illi:

> "*The disputed signatures consist of primary writing productions in ballpoint ink, which however display phenomena in the structure of the writing lines, which are typical of slowly made simulations. The signatures display poor line quality, uncertain lines with limited line tension and pressure exerted in a monotonous manner. Interruptions in places that are unnatural for the writing movement can be observed in several places. For a visual representation of the findings see the images on page 10 of Annex A.*
>
> (Is-segwenti ritratt huwa wieħed mill-ħafna li jinsabu fl-Annex A.)




> *The examination for congruence showed that the writing lines of the disputed signatures – when superimposed – are near to a precise match.*
>
> *The complexity and quantity of the muscle groups that participate in the writing movement, linked to the ever changing circumtances in which the handwriting is created, renders it impossible, that entirely identical courses of writing movement occur. Consequently no absolute congruence in forms is to be expected even in the case of two identical signatures. Changes occur in the manifestation of characteristics, which are referred to in the literature as the natural degee of variation.*

*The disputed signatures are near to a precise match and don't show the natural variation of the characteristics as shown in the reference material. The letters display an uniformity that could not be observed in the reference material, even in the signatures placed on the same day on contracts by Notary Dr Marco Farrugia (V1 to V6; V7 to V9; V10 to V15)."*



X1 und X2 überlagert

14. Huma eżaminaw is-segwenti elementi:

"1. <u>The structure and quality of the writing lines</u>

*"The microscopic analysis of the structure and quality of the writing lines demonstrated significant differences between the disputed signatures and the reference material.*

"*The disputed signatures were produced while applying an unnatural movement coordination and display poor line quality, uncertainties in the lines and interruptions in places that are unnatural to the writing movement. The reference material does not show such phenomena."*

"2. <u>The writing pressure</u>

*"The writing pressure cannot be measured in an absolute sense on the basis of the static handwriting image, because the symptoms (depth of the indention, width of the ink line and the degree of colouration) do not depend exclusively on the writing pressure that is exerted, but also on the writing instrument, the handwriting carrier and the surface on which it is written.*

"*It has been established during the examination that there are significant*

*differences between the disputed signatures and the reference material. This applies to both the absolute writing pressure and to the variable course between the respective up and down strokes. The disputed signatures display a monotonous writing pressure, in contrast the signatures in the reference material show a natural variation in the writing pressure of the up and down strokes.”*

“3. Speed of movement

*“The speed of movement was reconstructed, to the extent possoble on the basis of the static handwriting image, using characteristic that relate to the structure of the writing lines, the course of pressure, the degree of connectedness and the nature of the connecting lines.*

“*It was established using these criteria, that the disputed signatures were created with a lower speed than the signatures in the reference material.”*

“4. Course of the movement and design

*“The course of movement and the design of the letters display the following similarities and differences when compared with the reference material:*

- “*The Capitals D and G and letter “a” in the disputed signatures are created similarly to the capitals in the reference materials and show a design that is within the range of variation of the reference material. However thay display a uniformity which cannot even be observed in the reference signatures made on the same day on contracts by Notary Dr Marco Farrugia (V1 to V6; V7 to V9; V10 to V15).*

- “*The letters “tt” in the disputed signatures are also shaped in a similar, uniform way. They show equal long up and down strokes and the course of the second downstroke is parallel to the first downstroke.*

  “*In the reference signatures the design and the course of the downstrokes as a rule is dissimilar and the second downstroke diverges to the right.*

  “***The final movement in both disputed signatures displays an upstroke to the right and an attaching horizontal stroke placed back toward the capital G**. In the reference signatures this movement displays a very dissimilar design, but it has been established that there are significant differences between the disputed signatures and the reference material. The upstroke in the reference material fails or is placed horizontal and **the course of the last stroke begins as a rule at the base line and goes upwards instead of horizontal.”*** (enfasi tal-qorti)

"5. Horizontal and vertical proportions:

*"These characteristics include particulars in the handwriting, which concern, inter alia, the relationships between the upper, middle and lower sections, the length and width proportions, the positions of letters within words, etc.*

"*It has been established during the process of comparison that the mutual relationships in the disputed signtures do not display significant deviations when compared with the reference material."*

15. Finalment ikkonkludew hekk:

*"The signatures in documents A and B, allegedly written by Dennis Gatt, display differences not just in the structure of the writing lines, but significant differences are also visible in the course of movement and the design of the elements at the end of the signatures when compared with the reference material of Dennis Gatt.*

"*In view of the nature of the deviations found, these cannot be explained on the basis of chance variation or special circumstances (for example an unfavourable writing position and/or surface, haste, excitement, etc). The findings rather support the hypothesis that the disputed signatures are the result of slow writing speed simulations.*

*…*

"*It can be stated with a probability bordering on certainty that the signatures "D Gatt" on a handwritten acknowledgment of a debt and a promissory note (cf. Documents A and B) both dated 23rd September 2004, were not produced by the late Dennis Gatt but are a product of simulation."*

16. Fid-29 ta' April 2014 xehed fit-tul l-espert Wim de Jong. Qal li hu u l-espert l-oħra eżaminaw il-firem in kwistjoni fil-bini tal-qorti (*cellar of this building*) tramite mikroskopji; u li anke marru l-Arkivji Notarili u eżaminaw il-firem oriġinali ta' Dennis Gatt permezz ta' mikroskopji. Qal li għamlu inventarju tal-karatteristiċi imbagħad il-komparazzjonijiet saru fil-laboratorju ġewwa Hamburg. Qal li kellhom numru ta' ritratti diġitali.

17. Spjega li b'kollox kellhom 45 kampjun li 16 minnhom kienu firem fuq kuntratti fl-atti tan-Nutar Marco Farrugia fil-waqt li l-kumplament ingħataw lilhom mill-familja ta' Dennis Gatt. Qal li l-maġġor parti tal-firem kienu datati fl-istess żmien tal-firem in kwistjoni. Dwar iż-żewġ firem in kwistjoni qal li dawn kien fihom "*great uniformity…very congruent*" (anke mhux jekk "*absolute congruents*") u qal li fil-kitba hija kważi impossibbli "*because if you place twenty, thirty, forty or fifty times your signature, there will always be more changes*". Dwar il-forma tal-ittri qal li dawn kienu simili għall-kampjuni iżda fakkar li din hija ħaġa "*typical for imitation*" u qal ukoll li l-firma hija waħda qasira u għalhekk huwa faċli li l-forma tiġi kkupjata, iżda enfasizza li hija invece "*difficult to imitate the writing speed and the pressure and the line quality*". Qal li hija fil-fatt "*The analysis of the movement and not the analysis of the form which decides if a signature is a genuine one or forgery.*" Spjega kif il-kopji imkabbra juru differenzi fil-"*line quality*" fis-sens li l-kampjuni m'għandhomx "*interruzzjonijiet*" u l-"*line tension*" hija ħafna aħjar u l-pressjoni tvarja. Spjega li taħt mikroskopju wieħed jista' jara d-differenza bejn "*spontaneous dynamic writing movement and a slowly imitating writing movement*" u qal li kien propju dan li wassalhom biex jikkonkludu li firem "*are not genuine but forgery".* Spjega wkoll li fil-Ġermanja u l-Olanda fejn si tratta ta' komparazzjoni ta' kitba għall-finijiet forensiċi huwa rikjest li jkun hemm żewġ esperti mhux wieħed, bħala "quality assurance" għaliex

erba' għajnejn aħjar minn tnejn. Qal li fejn tnejn ma jaqblux ikun hemm it-tielet wieħed.

18. Mistoqsi jekk rax ir-rapporti ta' Joseph Mallia u ta' Dr Anthony Abela Medici qal li kien rahom.

19. Kwantu għar-rapport ta' Joseph Mallia aċċenna għall-fatt li kien għamel l-investigazzjonijiet tiegħu abbażi ta' fotokopji (il-kampjuni) u ikkummenta li l-fotokopji m'humiex addattati biex isir ezami forensiku fuqhom, l-iktar għaliex:

> *"…you can't analyse the line quality. You can't see disruptions. You can't see poor line tension. The only thing you can see is the design of the letter and in this case the design of the letter is not very specific so you cant make conclusions on the basis of photocopies."*

20. Kwantu għar-rapport tal-Perit tekniku Dr Anthony Abela Medici[5] osserva li dan iffoka ħafna fuq id-disinn tal-ittri, u li dwar id-disruptions qal li dawn ma rriżultawlux. Ix-xhud qal li ma jistax jispjega kif Abela Medici ma rax:

> "*the clear disruptions and other irregularities in the line quality. Because I don't know how he made these examinations but I suppose that he didn't use a microscope and that declares why he did not see."*

21. Spjega li l-iskop tas-superimpożizzjoni hija biex jintwera kemm

[5] Għalkemm jirreferi għar-rapport ta' "Mr Mizzi" jidher li fil-fatt qed jirreferi għar-rapport ta' Dr Abela Medici, għaliex jirreferi għar-rapport ta' "Mallia" bħala l-ewwel rapport, u għar-rapport ta' "Mizzi" bħala t-tieni rapport (fil-fatt kronoloġikament huwa it-tieni rapport). Ma kien hemm l-ebda rapporti ta' xi ħadd Mizzi; u minn dak li jgħid fir-rigward tar-rapport ta' "Mizzi" huwa evidenti li qed jirreferi għar-rapport ta' Abela Medici.

hemm partijiet "*congruent*" bejn iż-żewġ firem in disputa.

22. Kompla jgħid li "*during microsopy is making enlargements in a way which is a thousand or a hundred more as the enlargments show me*".

23. Enfasizza li l-firem ta' Dennis Gatt li jirriżultaw mill-kampjuni għandhom "*natural variation"* li hija "*very wide"* mentri l-firem in disputa m'għandhomx tali varjazzjoni.

**<u>XIEHDA OĦRA:</u>**

24. <u>L-attur Paul Attard</u> xehed li kellu bar in-Naxxar u kien jgħinu fih ħuh l-attur Joseph Attard. Qal li Dennis Gatt kien imur spiss hemm. Qal li kellu estate agency u peress li Dennis Gatt kien jinnegozja fil-proprjeta`, huwa kien isiblu proprjeta` biex jixtri. Qal li kienu ħbieb u għamlu ħafna negozju flimkien u li f'Awwissu 2004 Dennis Gatt kien mar ikellmu fil-Cafeteria li kellu Bugibba u talbu jissellef Lm38,000 cash għaliex kellu "biċċa business" u kien itih imgħax bi 3% sa sena (li jiġu Lm1,140). Qal li ftehmu li ħuh Joseph jagħtih Lm13,000 u hu jtih il-kumplament. Qal li ltaqgħu fil-Cafeteria stess, Dennis Gatt qabel mal-iskrittura li kien kiteb Joseph Attard u ffirma lilha u l-kambjala "*u tajnih jiena u ħija l-flus cash f' mazzi ta' Lm1000 il-wieħed."* Qal li meta saru jafu li miet marru għand id-difensur tagħhom u qaltilhom li ma setgħu jagħmlu xejn qabel ma jkunu jafu min huma l-eredi. Qal li kien f'Settembru 2005, wara li saru jafu min

kienu l-eredi, li kitbulhom. Spjega li kienu ltaqgħu darbtejn magħhom u mad-difensuri rispettivi tagħhom; qal li l-eredi ta' Gatt kienu qalulhom li riedu jqabbdu fingerprint expert u li għalhekk huma biex jiffrankaw il-ħin qabbdu lil Joseph Mallia huma, li ikkonkluda li l-firem kienu ġenwini. Spjega li wasal għal tali konklużjoni mid-dokumenti li għaddewlu:

> *"Dan seta' jagħmlu għax ħadna l-oriġinali ta' kuntratt[6] li kien iffirma Dennis Gatt u dan ġibnieh mingħand in-nutar Marco Farrugia kif ukoll mid-dokumenti ffirmati u ppreżentati minn Dennis Gatt lill-MFSA stante li kellu kumpanija reġistrata."*

25. L-attur Joseph Attard ikkorrobora l-verżjoni ta' ħuh. Huwa speċifika li kienu għaddew lil Dennis Gatt is-somma ta' Lm38,000 f'kontanti f'żewġ envelopes padded kannella, magħdudin elf, elf, u b'basket tal-plastik li jħaxwex.

26. Il-konvenut Joseph Gatt xehed li ħuh Dennis Gatt ma kellux problemi ta' likwidita` u li għalhekk ma kellux bżonn jissellef l-ammont pretiż mill-aħwa Attard. Qal li l-kontijiet tal-bank tiegħu sa meta miet juru li kellu likwidita` biżżejjed biex jaħdem. Qal li meta wara li tressqet il-kawża mill-aħwa Attard hu u oħtu Maria Brincat:

> *"…kellimna lin-nutar Marco Farrugia, li kien in-Nutar ta' fiduċja tad-defunt Dennis Gatt, huwa infurmana illi wara li ġie nieqes hija Dennis xi persuni kienu marru għand in-Nutar Marco Farrugia u talbuh biex jittimbralhom u jiffirmalhom il-kitba tal-ftehim li allegatament Dennis Gatt iffirma biex jissellef il-flus. Ovvjament in-Nutar Marco Farrugia, fin-nuqqas tal-preżenza ta' Dennis Gatt (għax kien laħaq tilef ħajtu traġikament) irrifjuta li jkun xhud tal-kitba li fuq kollox ma kien jaf xejn dwarha."*

---

[6] Joseph Mallia invece qal li l-eredi ta' Gatt għaddewlu **fotokopji** ta' dokumenti

27. Qal li Dennis Gatt kien xellugi u li kien jaħdem b'idejh u li kellu "metal support" fi driegħu tax-xellug u ma kienx imdorri jikteb bl-id u li ma kienx ser jipprova jiffirma b'xi mod eleganti jew studjat. Ikkummenta ukoll li meta Dennis Gatt kien jagħmel xi ftehim kien imur għand l-avukat tal-fiduċja tiegħu biex jiktiblu l-ftehim u jtih il-pariri u għalhekk ma treġix li jiffirma ftehim fuq somma sostanzjali mingħajr għajnuna ta' professjonist.

28. In-Nutar Marco Farrugia xehed li ftit wara li miet Dennis Gatt kienu ġew xi nies l-uffiċċju tiegħu il-Belt u talbuh jawtentika firma ta' Dennis Gatt fuq skrittura ta' debitu. Qal li huwa irrifjuta stante li qatt ma ġiet iffirmata quddiemu, u raha inverosimili li Dennis Gatt kellu jagħti xi flus lil xi persuni, konsiderando l-ġid li huwa kellu.

**KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:**

29. Il-vertenza mertu taż-żewġ kawżi hija ippernjata fuq il-veraċita` o meno tal-firem tad-defunt Dennis Gatt fuq l-iskrittura ta' debitu u fuq il-kambjala relattiva, it-tnejn datati 23 ta' Settembru 2004[7]. Jiġi aċċennat li d-dokumenti in kwistjoni m'humiex fost dawk li jissemmew fl-Artikolu 629

[7] Għalkemm fil-kawża 971/2006 l-eredi ta' Dennis Gatt esprimew li kellhom dubji dwar l-awtentiċita` tal-kambjala (u mhux ukoll tal-iskrittura li ġġib l-istess data) kienu fil-fatt (neċessarjament) qegħdin jesprimu d-dubji tagħhom ukoll dwar l-awtentiċita` tal-iskrittura għaliex fl-istess eċċezzjoni jargumentaw li hija suspettuża kif ħa dak is-self meta la kellu problemi ta' likwidita` u lanqas ma tirriżulta tali transazzjoni mid-dokumenti li ħalla. Fil-fatt il-perit tekniku ġie innominat sabiex jirrelata dwar il-firma li tidher kemm fuq il-kambjala kif ukoll fuq l-iskrittura li ġġib l-istess data.

tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta (li ma jeħtiġux prova tal-awtentiċita`) u għalhekk l-oneru tal-awtentiċita` taqa' fuq min irid jinqeda bid-dokumenti, cioe` l-aħwa Attard.

30. Jibda biex jingħad li oltre dawn iż-żewġ dokumenti ma jeżistux provi oġġettivi, la da parti tal-aħwa Attard biex jikkorroboraw l-allegazzjoni tagħhom li Dennis Gatt silef Lm38,000 mingħandhom, u lanqas da parti tal-eredi ta' Dennis Gatt biex jikkorroboraw l-allegazzjoni li l-istess Dennis Gatt ma kellux bżonn jissellef flus. Hekk per eżempju, l-aħwa Attard ma ppreżentaw l-ebda dokument biex juru minn fejn ġabu l-flus li sellfu lil Dennis Gatt (Lm13,000 li allegatament ħariġhom Joseph Attard u l-kumplament, Lm25,000, li allegatament ħariġhom Paul Attard); u l-eredi ta' Dennis ma ppreżentawx kontijiet bankarji biex juru li fiż-żmien tal-allegat self l-istess Dennis Gatt kellu l-likwidita`. Għalkemm in-Nutar Marco Farrugia xehed li huwa inverosimili li Gatt kellu jagħti l-flus lin-nies meta wieħed jikkunsidra l-ġid li kellu, li bniedem ikollu l-ġid u li bniedem ikollu l-likwidita` huma żewġ affarijiet differenti.

31. Kwantu għar-riżultanzi tekniċi, dawn huma diametrikament opposti:

(i) Min-naħa hemm ir-rapport ta' Joseph Mallia (l-espert *ex parte* inkarigat mill-aħwa Attard) u r-rapport ta' Dr Anthony

Abela Medici (il-perit tekniku nominat mill-qorti), liema rapporti jikkonkludu li l-firem huma **ġenwini;** u

(ii) min-naħa l-oħra hemm ir-rapport ta' Wim de Jong u Mecthild Niehoff (l-esperti barranin *ex parte* inkarigati mill-eredi ta' Dennis Gatt) liema rapport jikkonkludi li l-firem huma **foloz.**

32. Din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar tali riżultanzi, u għalkemm għall-ewwel kienet propensa li, bħall-ewwel Qorti, tagħti aktar piż lir-rapport tal-perit tekniku proprju għaliex huwa l-espert innominat minnha filwaqt li l-esperti barranin huma biss esperti *ex parte* u mhux periti perizjuri innominati ukoll minnha, wara li qieset fil-fond u metikolożament ir-rapporti tal-periti kollha, u anke x-xiehda tagħhom fir-rigward, hija tinsab moralment konvinta, li l-firem in kwistjoni huma fil-fatt simulati.

33. Għalkemm din il-Qorti mhix persuna teknika, hawn si tratta ta' tema li mhux wisq kumplessa biex tinftiehem, u r-rapporti tal-esperti kollha (kemm dawk *ex parte*, kif ukoll il-perit tekniku) huma ferm intelliġibbli, u għalhekk din il-Qorti fehmet sew l-osservazzjonijiet u argumenti li saru fir-rigward. Jiġi enfasizzat li l-Qorti ma tabdikax il-ġudizzju tagħha biex tħallih f'idejn l-espert.

34. Il-Perit tekniku Dr Anthony Abela Medici iffoka fid-dettall fuq l-istil

tal-kitba u l-forma tal-ittri, fejn irriżultalu li l-firem in kwistjoni juru l-istess karatteristiċi mal-firem tal-kampjuni. Fil-fatt ma jistax jiġi nnegat li l-firem in kwistjoni għandhom l-istess karatteristiċi tal-kampjuni għalkemm **ma jistax ma jiġix osservat ukoll – forsi hija l-iktar ħaġa li tispikka – li l-aħħar "t" u l-mod kif tiġi tterminata l-firma bil-qtugħ tal-ittri "tt" hija pjuttost differenti**. Dan osservawh kemm l-esperti barranin kif ukoll il-Perit *ex parte* Joseph Mallia, li għalkemm fir-rapport tiegħu qal li l-ittri "tt" fil-firem in kwistjoni u fil-kampjuni tal-firem għandhom l-istess karatteristiċi, imbagħad fl-affidavit tiegħu in segwitu għar-rapport tal-esperti barranin irrikonoxxa li l-aħħar ittra "t" hija ferm inklinata u ddur b'mod triangolari, filwaqt li tali linja fil-kampjuni tinkiteb b'mod aktar "sottili u baxx". Fil-fatt il-Perit tekniku Dr Abela Medici **ukoll** ikkonstata differenzi fis-sens li l-qtugħ tal-ittri "tt" fuq il-kampjuni jidher direzzjonali u mhux orizzontali bħal fil-firem in kwistjoni, għalkemm imbagħad osserva li f'firma waħda mill-kampjuni (356-93) il-qtugħ inzerta orizzontali.

35. Fi kwalunkwe` każ, l-esperti barranin enfasizzaw illi iktar mill-analiżi tal-forma tal-kitba, dak li wieħed irid iqis meta jiġi biex jara jekk firma hix ġenwina jew le, hija l-analiżi tal-moviment tal-kitba: dan għaliex wara kollox, meta dak li jkun irid jissimula firma, l-iktar ħaġa li ser joqgħod attent li jagħmel hi li jagħmel il-firma falza tixbah kemm jista' jkun il-firma ġenwina. L-esperti barranin spjegaw li fl-analizi tal-moviment tal-kitba huwa impellenti li jitqiesu l-**veloċita`** u l-**pressa** tal-kitba.

36. Il-perit tekniku fil-fatt ikkunsidra l-possibilita` li l-firma setgħet ġiet ikkupjata iżda huwa eskluda tali possibilita` għaliex ma rriżultalux li l-firem kienu jixxiebħu għaliex ġew ikkuppjati bil-mod jew għaliex kienu traced. <u>Fil-fatt qal li ma kien hemm l-ebda evidenza ta' kitba li saret bil-mod għaliex ma sabx li kien hemm "disruptions" fil-kitba</u>.

37. Mhux ta' din il-fehma invece kienu l-esperti barranin. Fil-fatt ix-xhud Wim de Jong fix-xiehda tiegħu deher perpless bil-fatt li l-perit tekniku qal li ma rax il-"*clear disruptions and other interruptions in line quality*", u qal li forsi dan kien għaliex l-istess perit tekniku ma kellux a dispożizzjoni tiegħu mikroskopju bħal ma kellhom huma.

38. F'dan ir-rigward huwa utli li ssir riferenza għall-kummenti tal-espert *ex parte* Joseph Mallia fir-rigward tar-rapport tal-periti barranin. Huwa qal li li l-interruzzjonijiet fil-kitba jistgħu jiddependu minn fatturi bħal per eżempju l-istat ta' saħħa ta' dak li jkun, l-istrument tal-kitba u l-wiċċ tal-mejda. Hawnhekk l-aħwa Attard fir-risposta tal-appell tagħhom jaċċennaw għall-fatt li ħu Dennis Gatt xehed li l-istess Dennis Gatt kien xellugi u kellu "metal support" implantat fi driegħu x-xellugija. Iżda fil-fehma ta' din il-Qorti dan il-fatt ma jfisser xejn għaliex l-esperti kellhom a dispożizzjoni tagħhom kampjuni tal-firem tiegħu fuq perjodu ta' snin, inkluż qabel u <u>wara</u> d-data tal-firem in kwistjoni – fil-fatt l-aħħar żewġ

kampjuni kienu datati 30 ta' Settembru 2004 u 30 ta' Ottubru 2004. L-espert *ex parte* Joseph Mallia ma nnegax li kien hemm interruzzjonijiet (għalkemm fir-rapport tiegħu ma semmihomx) iżda argumenta li anke f'xi kampjuni tal-firem jista' wieħed jara interruzzjonijiet. Biex jipprova dan huwa ppreżenta xi ritratti ingranditi ta' kampjuni li huwa ħa minn fuq il-kopji tal-kampjuni li jidhru fl-annex tar-rapport tal-esperti barranin. Iżda ladarba dawn ma wasalx għalihom minn fuq firem oriġinali (kif għamlu l-esperti barranin) din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandhom jingħataw xi piż.

39. Skont l-esperti barranin il-pressa hija element ieħor li jindika jekk kien hemm jew ma kienx hemm simulazzjoni. Huma qiesu li l-firem in kwistjoni kellhom pressa uniformi, filwaqt li l-kampjuni tal-firem kellhom varjazzjonijiet fil-pressa, u dan skont l-upward u d-downward strokes. Veru li, kif ikkummenta l-espert *ex parte* Joseph Mallia, dan jiddependi ferm mill-istrument tal-kitba, iżda hawnhekk ġie kkonstatat li si trattava ta' *ball point* (li kif jaf kulħadd, tirrifletti kemm pressa tqila u kemm pressa ħafifa ta' kitba) u għalhekk id-differenza fil-pressa li tirriżulta fuq il-kampjuni tal-firem kellha tirriżulta ukoll fuq il-firem in kwistjoni, li mhux il-każ. (Din il-Qorti fil-fatt tosserva li kull waħda mill-firem tal-aħwa Attard fuq l-istess skrittura ta' debitu, li aktarx saru bl-istess *ball point* tal-kulur blu li saret il-firma ta' Gatt, juru pressa differenti, ferm notevoli mill-varjazzjonijiet fil-ħxuna tal-linji tal-firem tagħhom). Dr Abela Medici fil-fatt ikkonstata li hemm uniformita` ta' pressa fil-kitba tal-firem iżda dan ma

jidhirx li interpretah bħala sinjal ta' simulazzjoni, invece qal li l-fatt li l-pressjoni tal-kitba fuq wara tidher ugwali ifisser li ma kienx hemm pawsi; ma jidhirx li ta importanza lill-fatt li l-upward u d-downward strokes tal-firma kienu kollha l-istess pressa, kif għamlu l-esperti barranin.

40. Ikkunsidrat dan kollu din il-Qorti tqis li hija ġustifikata u ferm attendibbli l-konklużjoni tal-esperti barranin li l-firem in kwistjoni ma jirriflettux "*spontaneous dynamic writing movement*" iżda juru invece "*slowly imitating writing movement*", tipiku ta' simulazzjoni u falsifikazzjoni. Fil-fatt anke minn sempliċi ħarsa lejn il-firem, ma jistax jiġi negat illi l-moviment tal-kitba fil-kampjuni tal-firem jidher ħafna iktar leġġer u "flowing" minn dak fil-firem in kwistjoni, li jidher invece ferm tqil u monotonu, indikattiv ta' pressa uniformi u kitba magħmula bil-mod għall-finijiet tal-ikkupjar.

41. In oltre, ta' rilevanza sostanzjali hija l-**kongruwenza** bejn il-firem in kwistjoni. Kif osservaw l-esperti barranin, jirriżulta mill-kampjuni tal-firem li hemm "*natural variation*" konsiderevoli fil-firma ta' Dennis Gatt, anke f'dawk il-firem li għamel fl-istess ġurnata: mhux ukoll jista' jingħad fil-firem in kwistjoni li meta ġew *superimposed* kienu ferm kongruenti u kważi "*a precise match*". Dan ukoll huwa fattur li għandu jingħata l-piż dovut.

42. Għalkemm Joseph Mallia ippreżenta superimpożizzjoni taż-żewġ

firem magħmula minnu stess "*in relation with baseline"* (ara supra) biex juri li fil-fatt il-firem in disputa m'humiex daqshekk kongruwenti, cioe` ma jikkombaċjawx tajjeb, din il-Qorti tosserva li huwa żerżaq il-firem konsiderevolment b'mod li ma tidhirx "*a near precise match*" kif qalu l-esperti barranin.

43. Din il-Qorti stess kellha l-opportunita` tpoġġi l-<u>kambjala oriġinali</u> fuq <u>l-iskrittura oriġinali</u> kontra d-dawl u sabet li, kif qalu l-esperti barranin, jirriżulta "*a near precise match*". Dan b'kuntrast qawwi man-"*natural variation*" konsiderevoli li tispikka bejn il-kampjuni tal-firem.

44. Finalment għandu jingħad li fattur li jimmilita favur din it-teżi li l-firem ġew simulati huwa l-fatt li l-aħwa Paul u Joseph Attard, minkejja li kienu allegatament qegħdin jisilfu l-ammont ta' Lm38,000 (ekwivalenti għal €88,540) li huwa ammont sostanzjali, u fl-2004 ferm iktar sostanzjali) ma insistewx li Dennis Gatt jagħtihom garanzija, dan minkejja li fuq l-iskrittura stess hemm imniżżel li Dennis Gatt "*qed jaċċetta li jagħmel garanti l-beni tiegħu preżenti u futuri għall-istess skrittura".* Lanqas ma ħadu ħsieb li considerando li l-flus allegatament mislufa kienu kontanti, ikollhom xhud preżenti.

45. Kwantu għall-fatt li sejra tiskarta l-konklużjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-ewwel Qorti din il-Qorti tenfasizza li **dan mhux qegħda**

**tagħmlu leġġerment** iżda għaliex l-esperti barranin *ex parte* ikkunsidraw fid-dettall aktar fatturi, kellhom apparat aktar sofistikat biex janalizzaw il-moviment tal-kitba, l-argumenti tagħhom huma validissimi u konvinċenti, u konsegwentement inisslu fiha ċ-ċertezza morali li l-firem huma simulati. F'dan ir-rigward tagħmel riferenza għall-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kummerjċali fil-każ ***Emanuel Grech v. Carmelo Farrugia et noe*** (07.12.1994) fejn ġie ritenut illi ladarba l-attur ma ġabx provi tekniċi, ma interrogax lill-periti u ma għamilx nota ta' kritika għar-rapport tekniku, hija kienet marbuta bil-konklużjonijiet tekniċi tal-ewwel Qorti; u li kieku l-attur fl-ewwel istanza ġab provi tekniċi, anke jekk mhux aċċettati mill-ewwel Qorti, hija kienet tkun f'pożizzjoni li tipparagunahom u tagħżel:

> *"Il-kumpanija appellanti ma tistax tippretendi li din il-qorti, xjenza proprja, tista' tiddipartixxi minn dak il-metodu li addotta l-perit tekniku innominat mill-ewwel qorti, rigward kif kellhom ikunu u jaħdmu l-block chains. Kien l-obbligu preċiż tagħha li tagħmel il-provi tekniċi neċessarji fl-ewwel istanza għaliex meta tagħmilhom, anke jekk dawk il-provi kuntrarji, għalkemm saru, ma kinux aċċettati mill-ewwel qorti, allura din il-qorti tkun f' pożizzjoni li tipparaguna u tagħżel. Imma hawnhekk ma sarux provi oħra ħlief dawk li hemm fir-rapport u l-qorti marbuta bihom."*

**Decide:**

46. Għal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' l-appell tal-atturi, tikkonferma s-sentenza appellata fejn astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti stante li ġew sorvolati fil-mori tal-kawża; tħassarha fejn ċaħdet it-talbiet tal-atturi u minflok:

(i) tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenuti fil-mertu (fejn qalu li l-firem

huma awtentiċi), liema eċċezzjoni baqgħet ma ppronunzjatx ruħha fuqha l-ewwel Qorti, u

(ii) tilqa' t-talbiet tal-atturi u tiddikjara l-iskrittura u l-kambjala tat-23 ta' Settembru 2004 bħala nulli minħabba li l-firem ta' Dennis Gatt fuqhom jirriżultaw simulati.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-konvenuti appellati.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr